MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 344/2012

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**1. Preliminari**.

Rat ir-rikors promotur tal-atturipprezentat fil-11 ta' Gunju 2012 li jaqra hekk:

"Illi l-partijiet zzewgu fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), fll-Parrocca ta' San Gaetano, Hamrun, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u minn liema zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, tewmin, Noel u Louis B, ilium maggorenni, u cioe' ghandhom 30 sena.

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella, ippubblikat fil-17 ta' Settembru 2002 u cioe' ilhom isseparati ghal iktar minn erba' snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi skond dan il-kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti ghandu jaghti lill-intimata €700 fix-xahar rapprezentanti manteniment, liema manteniment qed jithallas permezz ta' standing order. Illi peress illi t-tfal huma maggorenni, m'hemm l-ebda manteniment dovut lilhom.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jogghobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il- Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.”

Rat id-dokumenti pprezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fl-20 ta’ Lulju 2012 li taqra’ hekk:-

“Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) fil-parrocca ta' San Gaetano, Hamrun, u huwa minnu wkoll li l-partijiet kellhom zewgt it-tfal, tewmin, Noel u Louis B, illum maggorenni u ghandhom 30 sena;

Illi huwa minnu li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella,

ippubblikat fis-17 ta' Settembru 2002 u cioe' ilhom separati ghal iktar minn erba' snin;

Illi huwa minnu li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar- rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni, r-rikorrenti ghandu jaghti lill- esponenti seba' mitt Ewro fix-xahar rapprezentanti manteniment, izda dan il-manteniment minkejja li llum il-gurnata qieghed jithallas b'mod regolari, ir-rikorrenti A B ghandu jhallas arretrati ta' tlett elef u hames mitt Ewro (€3500) rapprezentanti manteniment ghax-xhur ta' bejn Mejju 2011 sa Settembru 2011;

Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat 17 ta' Settembru 2002 skond klawsola numru 3 ta' l-istess kuntratt hemm dikjarat hekk, "Ir-ragel jobbliga ruhu li jhallas lill-mara bhala manteniment ghaliha s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) kull xahar, liema manteniment ghandu jigi rivedut ai termini ta' l-Indici ta' l-Gholi tal-Hajja." Illi din iz-zieda r-rikorrenti qatt ma hallasha, b'dan li ghalhekk ir- rikorrenti ghad baqghalu jhallas dawn l-arretrati lill-esponenti wkoll;

Illi ghalhekk jekk ir-rikorrenti ma jottemporax ruhhu ma' dak indikat hawn fuq rigward il-manteniment, il-partijiet ma jistghux ikunu qed jissodisfaw il-kudizzjonijiet mehtiega ghall-ksib tal-hall taz-zwieg bejn il- partijiet ai termini ta' l-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenut pprezentata fl-10 ta’ Ottubru 2012.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-11 ta’ Ottubru 2012 li permezz taghha ezebit kopja tar-rikors guramentat fil-kawza “A B’ vs C B’” pendenti quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta.

Semghat ix-xhieda u rat il-provi kollha imressqa.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur ipprezentata fis-17 ta' April 2013.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat.

**2. Provi**.

Fl-affidavit tieghu[1] l-attur isostni li minn meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni huwa dejjem hallas il-manteniment miftiehem fuq il-kuntratt hlief ghal numru ta' xhur matul is-sena 2012 meta kien minghajr impieg wara gie licenzjat flimkien ma' mija u hamsin haddiem iehor minn ma' kumpanija li topera fil-Libja u dan b'rizultat tal-gwerra civili li kienet ghaddejja dak iz-zmien f'dak il-pajjiz.

B'nota tal-11 ta' Ottubru 2012 l-attur ipprezenta kopja tal-kawza li kien istitwixxa kontra martu (Rikors Guramentat numru 57/2010 fejn kien talab li jigi dikjarat li minhabba t-telf tal-impieg ma kienx f'posizzjoni li jhallas il-manteniment pattwit fuq il-kuntratt. Din il-kawza eventwalment giet ceduta fil-5 ta' Frar 2013 wara li l-attur sab impieg iehor.

L-attur spjega illi huwa kien ghamel b'kollox ghaxar xhur dizokkupat. Dwar dan il-perijodu kien hemm korrispondenza abbundanti bejn il-konsulenti legali tal-partijiet. L-attur jghid hekk:-

"konna ftehmna illi l-ammont li kien allura dovut ghal dawk l-ghaxar xhur, cioe' €7,000 jiena nhallas biss nofshom kif filfatt ghamilt u b'konsegwenza ta' dan l-arrangament marti kienet irrtirat l-azzjoni kriminali li kienet fethet kontra tieghi quddiem il-Qorti tal-Magistrati - Seduta tal-Familja u preseduta mill-Magistrat Antonio Vella kif jidher fil-prime note tal-istess kawza fejn gie ddikjarat illi l-parte civile, u

[1] Fol. 31

cioe' marti kienet irrtirat l-akkuza kontra tieghi minhabba dan il-pagament. Fil-15 ta' Frar ta' din is-sena allura u meta jien kont ilni li sibt il-job il-gdid ghal diversi xhur u allura kelli fondi biex inhallas dawn it-€3,500 miftehma ghas-saldu tal-ghaxar xhur li ma kontx hallast u allura €3,500 flok €7,000, jiena kont dak in-nhar tal-kawza u tal-verbal anness ghaddejt lil marti waqt is-seduta u quddiem il-Magistrat, il-Prosekutur l-Avukat tieghi u l-Avukat ta' marti it-3,500 imsemmija, cash ghas-saldu. Illi ghalhekk m'hu veru xejn dak li semmiet marti fl-ewwel risposta taghha meta din asseriet illi ghad hemm xi ammont ta' manteniment lilha dovut u cioe' is-somma ta' €3,500 li hija ssemmi fir-raba' paragrafu tar-risposta. Dan il-ftehim huwa wkoll ikkorroborat bl-ittra mibghuta mill-konsulent legali tal-konvenuta lill-konsulent legali tieghi fil-25 ta' Jannar 2012 fejn jintqal espressament " .... Il-klijenta tieghi diga' thoss li billi hafret hames xhur manteniment li jammontaw ghal €3,500 kif ukoll l-oghli tal-hajja li jammontaw ghal hafna aktar minn hekk diga' tat bizzejjed."

Dwar id-difiza tal-konvenuta illi jekk iz-zwieg jigi mahlul ikun aktar difficli ghall-konvenuta li tippercepixxi l-manteniment lilha dovut, l-attur xhed illi huwa qed jitlob id-divorzju sabiex ikun jista' jizzewweg lis-siehba tieghu li maghha jikkoabita u li minnha ghandu tewmien li llum ghandhom disa' snin. Huma jghixu bhala familja u l-hsieb tal-attur huwa li jirregolarizza r-relazzjoni tieghu ma' omm uliedu billi jizzewgu.

Fir-rigward tal-preokkupazzjoni tal-konvenuta espressa fiz-zewg risposti taghha fis-sens illi l-hall taz-zwieg ser jipperikola l-hlas lilha tal-manteniment, l-attur jirreferi mhux biss ghall-impieg li huwa ghandu barra minn Malta b'introjtu tajjeb hafna izda wkoll ghal hames proprjetajiet li ghandu hawn Malta li skond l-attur m'ghandhom l-ebda piz jaggravhom.

B'notaipprezentata fit-3 ta' Jannar 2013 l-attur ezebixxa kopja legali tal-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar 2012 fil-kawza Pulizija vs A B' li kienet qed tinstema' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li jaqra' hekk:-

“Meta ssejhet il- kawza dehret 1- Ispettur Louise Calleja ghall- Prosekuzzjoni. Deher l-imputat assistit minn Dr Christine Grima. Dehret il- parte civile. Il- partijiet jiddikjaraw li lehqu ftehim billi l-manteniment dovut minn Mejju sa Settembru 2011 rrinunzjat u l- manteniment minn Ottubru 2011 sa Frar 2012 qed jithallas seduta stante.”

F’dik il-kawza l-attur kien gie akkuzat illi: “b’diversi atti maghmulin minnhek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula brizoluzzjoni wahda, bejn l-1 ta' Mejju 2011 u t- 30 ta' Gunju 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li taghti lil C B' u/jew lil uliedkom is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma”.[2] Fuq l-istess komparixxi il-Magistrat sedenti nizzel il-kliem “Procediment ezawrit”.

Fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2013 xehdet il-konvenuta fejn iddikjarat li qed topponi ghat-talbiet attrici ghaliex qed tippretendi is-somma ta’ tlett elef u hames mitt ewro (Euro. 3,500) f’arretrati ta’ manteniment kif ukoll is-somma ta’ hdax-il elf u hames mitt ewro (Euro. 11,500) rapprezentanti zidiet fl-gholi tal-hajja li ma gewx effetwati mill-attur.

L-attrici tispjega wkoll diversi okkazzjonijiet fejn kellha tipprezenta kwereli kontra zewgha minhabba li ma kienx ihallas manteniment. Hija tammetti illi dwar l-gholi tal-hajja qatt ma fethitlu kawza. Dwar in-nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet jekk il-konvenuta kinitx hafret Euro 3,500 f’arretrati ta’ manteniment hi tghid hekk:-

“Xhud: Dawk minhabba l-kawza kriminali rrinunzjajt ghalihom u dak kien qed isir ftehim iehor fuq il-hanut li jrid, ta’ fejn hemm it-tifel ukoll involut ghax dik kawza ohra u l-ftehim ma sarx biex ibieghlu s-sehem tal-hanut.

[2] Fol. 48

Dr. Farrugia: U sakemm qed isir il-ftehim inti x’ ghamilt?

Xhud: Ried ikompli ghaddej bil-kawza, ma riedx jiftiehem biex ibieghlu n-nofs tieghu t-tifel. It-tifel ried jixtrih u hu ma riedx ibieghulu allura dawk ma hfirthomlux ghax jiena fuq dak il-ftehim kien dak ghalhekk irrinunzjajt ghalihom.”

Irrizulta wkoll li l-partijiet ghandhom proprjeta’ kummercjali li tintuza minn binhom bhala workshop ta’ auto electrician. Hemm kwistjoni bejn l-attur u dan binhom tant li hemm kawza pendenti bejniethom. Il-konvenuta spjegat li skont hi il-ftehim li kellha kien li jekk jirranga l-kwistjoni li kellu ma’ binhom dwar dan il-workshop hija kienet lesta li tirrinunzja ghas-somma ta’ Euro. 3,500 f’arretrati.

Il-konvenuta ezebiet numru ta’ rapporti lill-pulizija, sbatax (17) b’kollox li jirreferu ghal nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment da parti tal-attur ghas-segwenti xhur: (1) minn Awwissu 2009 sa Dicembru 2009; (2) minn Frar 2010 sa Mejju 2010; u (3) minn Mejju 2011 sa Dicembru 2011 u minn Marzu 2012 sa April 2012[3]. Uhud minn dawn ir-rapporti kienu biex il-Pulizija tkellem lill-attur fuq in-nuqqas ta’ hlas filwaqt li ohrajn kienu biex jittiehdu passi bil-Qorti.

Il-konvenuta ezebiet ukoll kopja ta’ korrispondenza kopjuza bejn il-legali tal-partijiet rigwardanti in-negozjati ta’ bejniethom sabiex jitransigu sew il-pendenzi ta’ bejn il-partijiet kif ukoll il-pendenzi ta’ bejn l-attur u iben il-partijiet.[4]

B’nota ipprezentata fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2013 l-konvenuta regghat irribadiet illi l-pretensjoni taghha kontra l-attur hija Euro. 11,626 rapprezentanti l-gholi tal-hajja li ma thallasx sa mid-data tal-kuntratt tas-separazzjoni u Euro. 3,500 manteniment mhux imhallas ghall-perijodu minn Mejju 2011 sa Settembru 2011.

[3] Dok GR1 sa Dok GR17 : fol. 70 sa fol. 105
[4] Fol. 106 sa fol. 126

Ikkunsidrat;

**Il-Ligi Applikabbli**.

Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:-

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba’ snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f’kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta’ manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta’ dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b’sentenza ta’ separazzjoni jew miftiehem bejn ilmiżżewġin f ’kuntratt ta’ separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b’kuntratt jew b’sentenza ma jġib ebda bidla f’dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

Artikolu 66D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta jipprovdi illi:

*(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.*

*(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment.*

*Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba*.

Artikolu 66I (3) tal-Kap 16 jipprovdi illi:-

*Il-qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta' manteniment għal ħames snin. Il-qorti għandha tagħti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smigħ jew qabel ma bdiet il-kawża, il-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha tal-ħlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi oġġettivi serji li juru l-ħtieġa ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir*

*f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment.*

Ikkunsidrat;

**Eccezzjonijiet tal-konvenuta**.

**1. Manteniment ghall-Perijodu minn Mejju 2011 sa Settembru 2011**.

Il-konvenuta tilqa' ghat-talbiet attrici billi ssostni illi d-divorzju m'ghandux jigi dikjarat ghaliex l-attur ghadu debitur versu l-konvenuta fis-somma ta' Euro. 3,500 rapprezentanti l-manteniment dovut ghax-xhur ta' Mejju 2011 sa Settembru 2011.

Il-partijiet ma jaqblux jekk l-attur ghandux l-obbligu li jhallas l-arretrati li kienu pagabbli ghax-xhur minn Mejju 2011 sa Settembru 2011.

Il-konvenuta ssostni li ghalkemm huwa minnu li l-partijiet kienu qed jiddiskutu proposti li kienu jikkomprendu ir-rinunzja da parti tal-konvenuta ghas-somma ta' Euro 3,500 f'arretrati, tali proposta kienet kondizzjonata ghall-ftehim bejn l-attur ma' ibnu li sa llum tali ftehim ghandu ma ntlahaqx. In sostenn ta' dan il-konvenuta pprezentat kopja tal-korrispondenza bejn l-avukati fejn inter alia tissemma din il-proposta abbinata ma' proposta aktar wiesgha.

L-attur mill-banda l-ohra jargumenta illi ghalkemm huwa veru li l-arretrati kienu telghu ghal Euro 7,000 jghid li dan sehh ghaliex kien licenzjat mix-xoghol u kien fl-impossibilita' li jhallas. L-attur jirreferi ghall-atti tal-kawza Pulizija vs A B' u jsostni li l-verbal f'dik il-kawza huwa l-prova li l-partijiet kienu ttransigew billi l-attur hallas nofs dak l-ammont u l-konvenuta irrinunzjat ghan-nofs l-iehor.

Minn ezami tal-atti jirrizulta li ghalkemm huwa veru li fil-korrispondenza bejn il-legali tal-partijiet ir-rinunzja ghas-somma ta' Euro 3,500 kienet abbinata ma' ftehim bejn l-attur u ibnu li sa llum ghadu ma sehhx; il-verbal tal-Qorti

huwa car u jsemmi li l-konvenuta li kienet prezenti ghas-seduta bhala parte civile informat lill-Qorti illi mal-hlas tas-somma ta’ Euro 3,500, is-somma rimanenti ta’ Euro. 3,500 kienet qed tigi rinunzjata. Dak il-verbal isemmi li l-perijodu li l-konvenuta bhala parte civile kienet qed issir rinunzja ghalih kien minn Mejju 2011 sa Settembru 2011. Ma jirrizultax mill-verbal li saru xi rizervi da parti tal-parte civile.

Jigi osservat illi dik il-kawza kienet qed tirreferi ghall-manteniment ta’ Mejju 2011 u Gunju 2011, u cioe’ xahrejn mis-sitt xhur li l-konvenuta ssostni li ghadhom dovuti, f’dik il-kawza gie dikjarat li l-procediment kien ezawrit. Inoltre l-konvenuta la talbet li terga’ tinfetah kawza ohra u lanqas harket lill-attur dwar dawn is-sitt xhur. Eventwalment anke l-attur kien ceda l-kawza civili fejn kien talab li l-manteniment jitnaqqas ghall-perijodu li kien bla xoghol.

It-transazzjoni deskritta fil-verbal tal-Qorti tal-Magisrati jirrifletti l-agir tal-partijiet fir-rigward tat-transazzjoni. Ghalkemm il-ligi tipprovdi illi hija mehtiega l-kitba ghall-validita’ ta’ transazzjoni, gie dikjarat mill-Qrati taghna illi verbal tal-partijiet waqt kawza jitqies bhala ftehim ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi., (**Direttur tal-Agrikoltura vs Galea** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Marzu 1987) u li verbal tal-partijiet fir-Registru tal-Qorti ghandu l-istess forza ta’ kuntratt u jitqies bhala ftehim ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (PA **Borg vs Portelli** deciza fl-20 ta’ Ottubru 1982; u PA **Borg vs Borg** deciza fis-16 ta’ Jannar 2003).

Fil-fehma tal-Qorti il-verzjoni tal-attur fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni tal-konvenuta hija aktar attendibbli u ghalhekk ghall-finijiet ta’ din il-kawza ser tikkonsidra illi bil-verbal tal-kawza Pulizija vs A B’ il-konvenuta irrinunzjat ghas-somma ta’ Euro.3,500 u ghalhekk tali pretensjoni ma hijiex ta’ xkiel ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

**2. Arretrati ta’ Manteniment rapprezentanti l-Gholi tal-Hajja**.

Il-konvenuta issostni illi minn kemm ilu li gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur qatt ma effettwa hlas ta' zieda fil-manteniment riferibbli ghall-gholi tal-hajja.

Il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali tal-partijiet ippubblikat fis-17 ta' Settembru 2002 in atti Nutar Dottor Nicholas Vella[5] jistipula permezz ta' klawsola numru 5 illi:-

"Ir-ragel jobbliga ruhu li jhallas lill-mara bhala manteniment ghaliha is-somma ta' tlett mitt lira maltin (Lm300) kull xahar, **liema manteniment ghandu jigi rivedut ai termini tal-Indici tal-Gholi tal-Hajja**".(sottolinear tal-Qorti).

L-attrici issostni illi in-nuqqas tal-attur f'dan ir-rigward sallum jammonta ghal cirka hdax-il elf u sitt mitt ewro (Euro11,600).

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur isostni illi l-Artikolu 66B aktar qabel citat ma jirreferiex ghall-awment perjodiku fil-manteniment izda jirreferi ghall-ammont originali pattwit.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mill-attur. Qari tal-artikolu in dizamina ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment originarjament pattwit u l-awment, ukoll pattwit, li javvera ruhu matul is-snin. Il-kreditur fuq il-kuntratt huwa obbligat li jhallas sew l-ammont originali kif ukoll l-awment pattwit.

Il-ligi fil-fehma tal-Qorti hija cara f'dan ir-rigward.

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

[5] Fol. 4

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn ilmiżżewġin f 'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

Ghalhekk manteniment adegwat jikkomprendi manteniment perjodikament awmentat minhabba l-gholi tal-hajja. In-nuqqas li ghandha klawsola 5 tal-kuntratt hi li ma ssemmiex kull meta javvera ruhu l-awment. Wiehed jipprezumi li kull sena pero' l-kuntratt huwa sieket f'dan ir-rigward. Li hu cert pero' hu li l-konvenuta baqghet inattiva fir-rigward tal-pretiz awment u dan fuq medda ta' ghaxar snin u aktar.  Fix-xhieda taghha l-konvenuta iddikjarat li ma kinitx ipprocediet fuq hekk minhabba l-ispejjez. Il-Qorti hija aktar propensa li tikkonsidra li l-inazzjoni tal-konvenuta fir-rigward kien dovut ghall-fatt li ghal numru ta' snin l-attur ma kienx qed jinsisti li binhom ihallas kera tal-fond taghhom li kien qed juza binhom ghan-negozju tieghu.

Ghalhekk dwar il-pretensjoniniet tal-konvenuta rigwardanti l-awment perjodiku fil-manteniment, din il-Qorti ser thalli l-kwistjoni impregudikata ghall-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet dwar dak l-aspett tal-vertenza.

**Talba tal-Konvenuta ghal Garanzija**.

Fir-risposta ulterjuri taghha l-konvenuta eccepiet li fl-eventwalita' li din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, hija titlob li l-attur jigi ordnat jipprovdi garanzija xierqa ghall-hlas tal-manteniment wara l-ghoti tad-divorzju.

Din l-eccezzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 66I tal-Kap 16 li jipprovdi illi:-

*Il-qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta'*

*manteniment għal ħames snin. Il-qorti għandha tagħti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smigħ jew qabel ma bdiet il-kawża, il-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha tal-ħlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi oġġettivi serji li juru l-ħtieġa ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment.*

Il-Qorti hija propensa li tilqa' din l-eccezzjoni ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok hemm il-pretensjoni tal-konvenuta fir-rigward tal-arretrati taz-zidiet biex jaghmlu tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Fit-tieni lok kien hemm wisq inadempjenza da parti tal-attur fir-rigward tal-hlas tal-manteniment. Ghalkemm l-attur jallega li dan kien dovut unikament ghall-fatt li kien tilef l-impieg, l-ebda prova korroboratrici ma tresqet.

Filwaqt li l-Qorti hi tal-fehma li ma jezistux l-estremi sabiex tichad it-talbiet attrici, fl-istess hin hi tal-fehma li ghandha tordna lill-konvenut jipprovdi garanzija xierqa u ragonevoli biex taghmel tajjeb in parte ghall-pretensjoni tal-konvenuta fir-rigward taz-zidiet fl-gholi tal-hajja u in parte fir-rigward tal-manteniment futur li skont il-ligi m'ghandux jissupera l-ammont ta' manteniment ghal hames snin.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tordna li l-attur jipprovdi garanzija xierqa ghas-somma ta' tletin elf ewro (Euro 30,000) a favur il-konvenuta sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-konvenuta kontra l-attur fir-rigward tal-manteniment arretrat u manteniment futur.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni rigwardanti t-talba ghall-hrug ta' garanzija xierqa, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha; u ai termini tal-artikolu 66I tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-attur sabiex fi zmien xahar millum jipprezenta f'dawn l-atti (1) ir-ricerki tal-attiv u passiv tieghu, u (2) nota

guramentata tal-attur fejn jindika il-fehma tieghu rigward il-valur ta' kull proprjeta' li lilu tappartjeni fil-prezent.

Tipprovdi dwar it-talbiet attrici fi stadju ulterjuri.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------